**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 5 ta' Lulju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 125 / 14RGM

Kawza fil-lista: 13

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta' April 2006 fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt Valletta u ma twieldu l-ebda ulied minn din l-unjoni. Iz-zwieg gie rregistrat bin-numru progressiv 289/2006.

2. Illi ghalkemm kien jidher li l-istess zwieg kien validu effittivament dan ma kienx.

3. Illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja nizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essezjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-istess esponenti ghandha interess li zwieg ikkontrattat fil-15 ta' April 2006 jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u ghalhekk qed isir dan ir-rikors.

6. Illi l-esponent taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li zwieg ikkontrattat fil-15 ta'April 2006 bejn il-partijiet jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut notifikat fil-15 ta’ Lulju 2014 baqa’ ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk jinsab kontumaci.

Rat il-provi imressqa.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat;

Il-fatt in breve huma s-segwenti:

Il-konvenut, cittadin Rumen, gie Malta f’Awwissu tas-sena 2004 u xhar wara iltaqa’ mal-attrici u f’Dicembru tal-istess sena bdiet ir-relazzjoni ta’ bejniethom. L-attrici kien minghaliha li l-konvenut kien hawn Malta regolarment. Gara izda li fi Frar tas-sena 2005 irceviet telefonata minghand Spettur li kien qed jikkonduci investigazzjoni kriminali u minn hemm irrizulta lill-attrici li l-konvenut kien jinstab hawn Malta minghajr visa imgedda. Sabiex ma jigix deportat il-konvenut telaq minn Malta ftit xhur wara.

Fl-affidavit taghha l-attrici tispjega illi minn kmieni fir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet hija kienet bdiet taghmel tajjeb finanzjarjament ghall-bzonnijiet tal-konvenut izda kienet tahseb li huwa kien genwin fl-intenzjonijiet tieghu fil-konfront taghha. Ghalhekk hija bdiet tirsisti sabiex il-konvenut ikun jista’ jigi lura Malta. Kitbet ittri lill-ufficju tal-immigrazzjoni u ddikjarat li kienet lesta li taghmel garanti ghall-konvenut jekk jithalla jigi lura Malta.

L-attrici xehdet illi f’dak iz-zmien il-konvenut kien irrakkontalha illi huh kien ghadu kif gie assassinat u li dan kien bi zball ghaliex il-mira suppost kien hu u mhux huh. Dan kien ta’ xokk ghall-attrici li allura ziedet l-isforzi taghha sabiex

iggib lura Malta lill-konvenut fl-aqsar zmien possibbli. L-isforzi taghha taw ir-rizultat mixtieq tant li f'Ottubru 2005 il-konvenut gie ghal darb'ohra Malta u beda jirrisjedi fil-flat tal-attrici. Ghinitu jsib impieg sabiex ikun jista' jzomm il-permezz ta' residenza izda s-sitwazzjoni kienet dejjem wahda incerta ghaliex fl-eventwalita' li jitlef l-impieg dejjem kien hemm ir-riskju li l-permess ta' residenza ma jigix imgedded. Kien hawn illi l-partijiet iddecidew li jizzewgu sabiex jevitaw ir-riskju ta' deportazzjoni fil-futur.

Il-familjari tal-attrici kienu jwissuha illi ser taghmel zball u li fil-fehma taghhom il-konvenut ma kellux intenzjonijiet genwini fil-konfront taghha. Pero' l-attrici kienet totalment infatwata bil-konvenut u kull nuqqas tieghu kienet tiggustifikah bhala effett tat-trawma li ghadda minnha minhabba l-qtil ta' huh. Ghall-familjari tal-attrici il-konvenut kien qed juzaha lill-attrici u ghalhekk kienu assolutament kontra li l-attrici tizzewgu tant li ghaz-zwieg tal-partijiet attendew biss hu l-attrici u martu. Il-membri l-ohra kollha irrifjutaw li jattendu.

Il-partijiet izzewgu fil-15 ta' April 2006.

L-attrici xehdet illi mill-bidunett taz-zwieg beda l-inkwiet bejniethom tant illi l-konvenut kien jirrifjuta li jiekol ikel li tipprepara l-attrici u kien jipprepara l-ikel tieghu hu u beda jorqod f'kamra tas-sodda ghalih wahdu,

Fl-ewwel Milied wara z-zwieg taghhom il-partijiet siefru lejn ir-Rumanija ghand il-familja tal-konvenut. L-attrici tghid illi kemm damu ir-Rumanija l-konvenut kien ihalli lill-attrici ma' ommu u hu kien johrog. Dan gara anke fil-jum tal-Milied.

Meta irritornaw lura Malta il-konvenut baqa' jagixxi bl-istess mod bhal qabel u eventwalment l-attrici skopriet li f'Malta l-konvenut kellu relazzjoni adultera ma' mara ohra Rumena.

B'rizultat tal-agir tal-konvenut l-attrici irrikorriet ghall-ghajnuna psikologika.

Il-psikoterapista Ian Refalo xehed :

*"Naf lill-partijiet professjonalment bhala psikoterapista kienu gew flimkien f1-2010 u l-iktar li rajt kien lir-ragel wahdu sa Frar, 2012.*

*Fil-bidu gew minhabba problemi fiz-zwieg u kien jidher li kien qed ibati minhabba li huh inqatel fir-Rumanija u kien qed ibati minn post traumatic stress disorder. Huh inqatel ftit qabel ma bdejt narah. Wera xewqa li z-zwieg jitranga pero` bi zmien kien jidher li hemm xi haga kontradittorja. Kien car anke meta xi drabi intqajna ma A ukoll li hi xtaqet li l-affarijiet jitrangaw pero` hu dejjem kien*

*isib skuza biex ikompli jghix ghar-rasu li kien minn meta gie ghandi qabel ma nafx. Hu kien jargumenta li kien jigi wahdu minhabba s-sitwazzjoni ta' huh biz-zmien deher li kien gej biex sempliciment jghalqilha halqa. Qatt ma wera xewqa genwina li jmur lura d-dar.*

*Qabel ma nqatel huh kien hemm tahwid, qatt ma kellhom relazzjoni facli, kien hemm xi problemi bil-visa u fejn kien jahdem. A ghamlet minn kollox biex ir-relazzjoni tkompli pero hu kien cold hafna, kellu schizoid personality jhobb ikun wahdu, emotionally ma jkunx close nuqqas ta' intimita emozzjonali u fizika. Persuni b' din il-personalita difficli hafna jiffurmaw relazzjoni matrimonjali. L-affarijiet li hargu kien jidher li hu xtaq ikun fir-relazzjoni ghall-Konvenjenza, dan sar aktar car meta skopriet li kellu relazzjoni ma' nisa ohra ghalhekk dak kollu li ntqal kien gidba ghax-xewqa li ghandu li jmur lura fid-dar matrimonjali.*

*It-terapija mar-ragel waqfet minn jeddu pero kienet cemplitli A li qaltli li dak kollu li qalli kienet gidba. Dawn is-seduti ta' sentejn kienu front biex A ma tiffittahx."*

Xehdet ukoll il-Psikologa tal-Familja Mariella Blackman Manche':-

*"Dan hu biex niddikjara illi l-ewwel ma ltqajt ma' A kien fis-sajf tal-2006 meta s-Sinjura B giet ghall-ghajnuna terapewtika ghandi minhabba problemi li bdiet tiltaqa' maghhom fil-bidu taz-zwieg.*

*Is-Sinjura A B nee' Vella spjegatli fis-sessjoni psikologika illi hija ltaqghet ma' C B socjalment u mill-ewwel hadet grazzja mieghu. Minhabba li dak iz-zmien Malta ma kinitx qieghda fl-EU u C kien ilu Malta ftit aktar milli kellu jkun bhala barrani, A bdiet tibza' li C jigi deportat, u ghalhekk ghamlet minn kollox biex izzommu Malta; fost l-affarijiet li ghamlet kien il-fatt li halsitlu xi dejn li ma setax jaffordja u anke ippreparaw id-data taz-zwieg malajr. Hija marret ukoll l-ambaxxata biex tikteb ittra ghalih etc.*

*Il-koppja zzewgu f'April 2006 wara sena u nofs jafu lil xulxin, zmien li mhux il-hin kollu kienu flimkien. A fdat mieghi illi ma kellhiex zmien li ssir taf lil C hafna izda minhabba li kienet thoss l-imhabba lejh hi zzewgitu.*

*Ftit wara z-zwieg, A mill-ewwel indunat li kellhom problema serja ta' komunikazzjoni. C li kien Rumen kien tip ta' ragel li apparti li kien jidher kwiet, kien 'secretive' hafna u ma setax ikollha dak l-intimita' li xtaqet.*

*Is-Sinjura A qaltli li wara z-zwieg ir-ragel taghha kien johrog ghal rasu, jmur ma' shabu r-Rumeni. Hi ddeskrivietu bhala ragel 'aloof' u 'cold', 'ta' ghalih wahdu', kif ukoll li kien ta' orgolju u kien sensittiv ghall-kritika.*

*Meta staqsejt lil A jekk ma kellhomx 'honeymoon', hi qaltli li kellhom u li kien 'ok' imma xi haga li nnotat kienet li jekk kien igib xi flixkun inbid jew fjuri ma kienx jaghmilhom bi skop ghaliha imma ghalih, ezempju darba C qallha 'm'ghandix dritt li jgib dawn l-affarijiet fil-kamra tal-lukanda'.*

*Xi haga ohra li A kellmitu fuqha kienet li sesswalment C ma kienx ifittixha, la qabel iz-zwieg u lanqas wara z-zwieg, u ghalkemm kellhom xi ftit rapporti sesswali, dawn kienu bl-inizjattiva taghha.*

*Is-Sinura B ukoll informatni li wara z-zwieg (biss xahar wara), ir-ragel li zzewget mar ir-Rumanija (biex jara lil ommu) u hi ma kellhiex ghazla hlief li taccetta din id-decizjoni mieghu, minghajr ma jmur maghha.*

*Meta bdiet tara lil C daqshekk inbieghed minnha, hija bdiet tahseb li dan l-agir kien minhabba li qabel iz-zwieg kienu qatlulu lil huh u li ghalhekk kien xi ftit 'depressed', fil-fatt dan il-qtil sar f'Mejju tas-sena 2005 (qabel iz-zwieg) u hasbet, li kellu bzonn jitkellem minhabba dan l-incident. Wara li kellimt lil A, jien invitajt lil C B biex jigi jkellimni. Huwa gie ghat-terapija; tkellimna fuq il-mewt inaspettata ta' huh, huh li kien tip ta' estrovert mhux bhalu u li dan il-qtil sar meta huh qabez ghalih biex ma jmutx hu!*

*Fis-sessjoni, jien iddeskrivejt lil C ta' tip 'schizoid', jigifieri 'cold' hafna u li ma jesprimix l-ebda emozzjoni. Kien bniedem ta' ghalih wahdu veru u fil-fatt li ma kellux interess ta' inizjattivi sesswali hija tipika ta' karattru 'schizoid'. Meta tkellimt ma' A fuq din il-kwalita' tal-karattru ta' C, hija qaltli li waqt iz-zwieg kienet tara tracci ta' ……, jigifieri 'egoismu' fih li ma kienx juri interess fil-bzonnijiet taghha.*

*Minhabba li A trabbiet f'ambjent religjuz, hija kienet thares lejn iz-zwieg bhala 'ghal dejjem' u li trid tiehu pacenzja b'kull problema li ssib fiz-zwieg, izda meta C beda jaghmel affarijiet li kienu intollerabbli ghaliha ma setghetx tibqa' hekk. Ezempju, fl-ewwel Milied telghet ir-Rumanija mieghu u hu minflok qatta' l-Milied maghha, halliha wahedha ma' ommu! Kien lejliet il-Milied, lanqas qallha jekk hux gej id-dar ta' ommu biex jiccelebra l-festa maghha.*

*Ftit taz-zmien wara z-zwieg, fir-Rumanija A qaltli li C beda jghid li hu iddivorzja lil A u li beda johrog ma' wahda jisimha Anna. F'dak iz-zmien C qal lil A li xtaq joqghod wahdu.*

*Wara, A skopriet li C kein qed johrog ma' mara ohra wkoll (3 timing). Biz-zmien A skopriet li ltaqa' ma' mara f'gentleman's club u li wara kellu tarbija mill-mara l-ohra.*

*Konkluzzjoni:*

*Ghalkemm C gie ghandi xi darbtejn fit-terapija, ma kienx hemm diskors fuq xi nisa ohra li jidher li C dahal ghaz-zwieg ma' A b'intenzjoni ohra milli dahlet ghalih hi. A xtaqet dan iz-zwieg biex ikun ghal dejjem u habbitu lil C izda, minkejja li C izzewweg, jidher li kemm il-personalita' 'cold' tieghu, kif ukoll l-ghemil generali tieghu wera li hu ma dahalx ghaz-zwieg b'mentalita' ta' fedelta' u ghal dejjem bhalma dahlet A.*

*Is-Sinjura A kompliet tigi ghandi xi hames darbiet sakemm accettat ir-realta' li wahda ma setghetx tibni z-zwieg."*

Ikkunsidrat;

L-attrici tibbaza l-premessi taghha ghat-talba ta' nullita taz-zwieg abbazi tal-fatt li l-kunsens illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg skont l-Artikolu 19(1)(d) u li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga skont l-Artikolu 19(1)(f) tal-istess Kap 255.

Hija gurisprudenza nostrana kostanti illi l-istitut taz-zwieg huwa istitut ta' ordni pubbliku u bhala tali jimmerita s-salvagwardi neccessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li ghalkemm tnejn resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tinhtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-giudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mil-ligi.

Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Anna Tonna vs Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal hekk:

*"...f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. .... Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 intqal :

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' lallegazzjonijiet rispettivi taghha u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Dwar il-kawzali skond l-**Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255** inghad fil-kawza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003:

*"...il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedhiex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi."*

Fis-sentenza **Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-29 ta' Mejju 2003 ntqal:

*"...id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."*

Is-**subinciz (f) tal-Artiklu 19(1) tal-Kap 255** jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, b'tali mod li z-zwieg jkun qed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi ppruvat li xi hadd mill- partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens li minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha z-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori [vide fost ohrajn App. Civ **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza 27 ta' Jannar 2006 u Qorti Civili (Sezzjoni Familja) **Simon Cusens vs Romina Cusens** deciza fl-10 ta' Dicembru 2014 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 2016].

Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Magri vs Magri** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1994 citata fis-sentenza PA **John David Attard Montalto**

**vs Maria Dolores sive Doreen Attard Montalto** deciza fit-22 ta' Gunju 2004:

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg hu wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Kif intqal ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Anthony Cutajar et nomine** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002:

*"...taht l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' il-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemperax ruhhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghatu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estermi tal-annullament taz-zwieg."*

Dwar zwieg ta' konvenjenza gie ritenut li:

*"Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija u/jew id-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu."* (vide PA **MaryRose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim** deciza fil-31 ta' Mejju 2005 u PA **Carmen El Shimi gia' Tanti vs Ibrahim Mohammed El Shimi** deciza 20 ta' Gunju 2002).[1]

Intqal ukoll li:

*"Meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi iz-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament."* (vide PA **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida** deciza 10 ta' Ottubru 1995 u PA **Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk** deciza 16 ta' Jannar 1998).[2]

Ikkunsidrat;

---

1 Citati fis-sentenza 100/2013RGM **Li Dong Mei Muscat vs Louis Muscat** deciza 10 ta' Dicembru 2013

2 Ibid

Applikata l-gurisprudenza fuq citata ghall-kaz odjern il-Qorti tirriskontra l-estremi kontemplati fl-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 u ezaminati l-provi kollha prodotti l-Qorti hi tal-fehma illi ghall-konvenut dan tal-partijiet kien semplicement zwieg ta' konvenjenza sabiex il-konvenut jottjeni permezz ta' permanenza f'Malta minghajr riskju ta' deportazzjoni. Dan kien evidenti ghal kulhadd mill-familjari tal-attrici izda l-attrici kienet tant infatwata bil-konvenut illi kienet kompletament ghamja ghal dak li haddiehor seta' facilment josserva. L-agir tal-konvenut sew qabel iz-zwieg kif ukoll wara z-zwieg juri li fil-verita' ma kellu l-ebda intenzjoni illi jassumi l-obbligi taz-zwieg versu martu. Il-Qorti hija konvinta illi l-konvenut irnexxielu jisfrutta l-infattwazzjoni tal-attrici ghall-iskopjiet egoistic tieghu minghajr l-ebda konsiderazzjoni lejn il-hsara psikologika li kien qed jirreka lil persuna li kienet thobbu tant li kienet lesta li tiksirha prattikament mal-familja kollha taghha sabiex tizzewgu.

Fil-fehma tal-Qorti l-attrici ppruvat sodisfacentement illi l-kunsens tal-konvenut kien vizjat bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu.

Stabbilit illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255, ma hux necessarju li l-Qorti titratta l-caput nullitatis l-ohra mressqa mill-attrici.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' it-talba attrici u tiddikjara illi z-zwieg ikkontrattat fil-15 ta' April 2006 bejn il-partijiet huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**